**Stennejtek tinżel għall-ikel**

Daqq nofsinhar bħas-soltu
Stennejtek toħroġ fis-skiet,
Imma qajla ittendejt
Li ġismek iss'sar irmied.

Biss ja ħija tant għażiż
Naf li waħdi ma tlaqtnix,
Għalhekk qalbi fil-paċi
U qed nidħak, ma nibkix.

Int issa qiegħed miegħi
Inġorrok kulfejn immur,
Qed nitħaddan bi kliemek
Ħabib, tagħmilli unur.

Wara li ħarbixt dal-kliem
fir-refittorju ninżel,
Għax naf li b'hekk inferħek
Wiġ, sarli l-ħin għall-ikel.

Patri Mario Attard OFM Cap
10 t'Ottubru 2023

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.